



Brussell, 9 ta' Frar 2024
(OR. en)

6245/24
ADD 1

VETER 9
FOOD 19
DELECT 19

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)/Kunsill
Nru dok. Cion:	C(2023)8519 - ST16974 + ADD1
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... tal-14.12.2023 li jemenda l-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' rekwiżiti speċifiċi ta' iġjene għal ċertu laħam, prodotti tas-sajd, prodotti tal-ħalib u bajd - <i>Att Delegat - Intenzjoni li ma jitqajmux oġġezzjonijiet</i>

Dikjarazzjoni tad-Danimarka

Id-Danimarka tixtieq toġġezzjona għall-att delegat li jistabbilixxi r-rekwiżiti għal ċertu laħam, prodotti tas-sajd, prodotti tal-ħalib u bajd. L-att delegat ma jipprovdi il-flessibbiltà meħtieġa, u d-dispożizzjonijiet proposti jagħmlu l-qtil fl-azjenda ta' provenjenza għali u impenjattiv bla bżonn għall-bdiewa mingħajr effett dokumentat fuq l-iġjene tal-ikel jew il-benessri tal-annimali.

Id-Danimarka tqis li huwa problematiku li l-veterinarju uffiċjali, li jwettaq l-ispezzjoni ante-mortem tal-annimali maħsuba għall-qtil, irid ikun preżenti fil-ħin tal-qtil. Dan mhuwiex meħtieġ peress li l-unità mobbli li tintuża għall-qtil fl-azjenda agrikola trid tkun parti minn biċċerija approvata, fejn mhuwiex rekwiżit li jkun hemm veterinarju uffiċjali preżenti f'kull ħin.

Barra minn hekk, għall-kaċċa mrobbija fil-leġiżlazzjoni eżistenti, veterinarju uffiċjali ma għandux għalfejn ikun preżenti fil-ħin tal-qtil meta l-azjenda ta' provenjenza tkun tinsab f'reġjun, li ma jkunx taħt restrizzjonijiet tas-saħħa, u fejn l-operatur tan-negozju tal-ikel ikun wera l-livell xieraq ta' kompetenza għall-qtil tal-annimali mingħajr ma jikkawża l-ebda uġiġ, dwejjjaq jew tbatija evitabbli lill-annimali. Id-Danimarka tqis li għandhom japplikaw kundizzjonijiet simili f'dak li għandu x'jaqsam mal-qtil fl-azjenda ta' provenjenza.

Barra minn hekk, ma hemm l-ebda raġuni biex jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet li jillimitaw l-għadd ta' annimali li jistgħu jinqatlu fl-istess okkażjoni, sakemm id-dispożizzjonijiet dwar il-benessri tal-annimali u l-iġjene tal-qatla jkunu fis-seħħ. Fil-leġiżlazzjoni eżistenti dwar annimali tal-kaċċa mrobbija, ma hemm ebda restrizzjoni, u diversi annimali jistgħu jinqatlu f'okkażjoni waħda. Dawn jistgħu jiġu ttrasportati wkoll fl-istess vettura lejn il-kumpanija li timmaniġġja l-kaċċa. L-istess għandu japplika f'dak li għandu x'jaqsam mal-qtil fl-azjenda ta' provenjenza.

Id-Danimarka għalhekk tħeġġeġ lill-Kummissjoni biex terġa' teżamina l-att delegat, sabiex tiżgura l-flessibbiltà meħtieġa fir-rigward tad-dispożizzjonijiet dwar il-preżenza ta' veterinarju uffiċjali u d-dispożizzjonijiet dwar l-għadd ta' annimali li jistgħu jinqatlu fl-istess okkażjoni.